TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 82

KAZ NRU. 94

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Joseph Abela
u
Anthony Borg (Lyzer Transport)
Customs Clearance
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Chairman : G.A. Craig

Data : 4 ta' Frar 1981

B'ittra tat-12 ta' Mejju, 1980 il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irreferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm erbgha seduti li fihom l-appellant kien assistit mis-Sur Richard A. Matrenza, D. Pol. Econ. (Oxon.) F.R. Econ.S. waqt li ghad-Ditta Anthony Borg (Lyzer Transport) Customs Clearance deher is-Sur Joseph Borg u s-Sur N. Scerri.

3. Statements of Case. Ghall-appellant gie sottomess li l-appellant dahal jahdem mad-Ditta f'Gunju, 1979 bhala 'driver' u tkecca f'Marzu, 1980 minkejja xi interventi li saru mal-Principal. Din kienet ingusta, ghaliex l-appellant ma ghamel xejn li kien jimmerita

dal-kastig estrem ta' tkeccija u ghalhekk qed jitlob kumpens xieraq ta' flus ghaz-zmien li l-appellant ghamel minghajr xoghol u li jigi mehlus minn kull zmakk.

Ghad-ditta gie sottomess li l-appellant kien mpjegat bhala 'driver' u 'labourer' mit-28 ta' Mejju, 1979, sal-15 ta' Frar, 1980 mad-Ditta u tkecca ghal dawn ir-ragunijiet:

a) Ma kienx jobdi l-ordnijiet tal-principal tieghu;

b) Kien jonqos milli jahdem xogholu b'detriment ghal Kumpanija;

c) Kien jiskarta x-xoghol u jitlaq mix-xoghol qabel il-hin.

4. Instemghu dawn ix-xhieda :

Ghall-appellant - l-appellant in-nifsu minn jeddu, Mario Barbara, Carmelo Camilleri.

Ghad-ditta - Joseph Borg u Joseph Scicluna.

5. Xhieda fil-qosor. L-appellant Joseph Abela qal li xi ftit gimghat qabel ma tkecca hu kien talab il-'leave' lill-Principal u dan wiegbu "Halli naraw intukx il-'leave' ghal dejjem" u qabel kien tah in-'notice' kien mar ghax-xoghol u qabel ma hareg bix-xoghol il-Principal kien tah karta biex jghabbi x-xoghol u jiehdu minn post ghall-iehor u hekk ghamel; kienu tnejn minn nies izda hu qal li hu bilfors kellu joqghod jiccekkja x-xoghol u jumejn wara dan l-incident il-Principal qallu li "int qed tiskarta x-xoghol, mieghi int mhux skrivan, sa jkolli nwaqqfek, din il-gimgha l-ahhar." Kompla jghid l-

appellant li kien minnu li hu ma kienx skrivan imma hass li meta qallu biex jghabbi x-xoghol minn post ghall-iehor ghabbih bir-responsabilta' ta' skrivan ghaliex la l-Principal tah il-karta, kellu jiccekkja x'ghandu fuq it-truck halli meta jhotthom ikun jaf li ma kellux in-nieqes; hu hass li kellu d-dritt li jiccekkja meta lilu l-Principal tah il-karta li jghabbi it-tali kwantita ghax kieku ma kienx jaghtih il-karta u kien ghalhekk li meta kien hemm hafna xoghol biex jehduh lill-klijent hu qaghad jiccekkja u ma garrx ghax ma setghax igorr u jiccekkja ghaliex meta l-pajpijiet ikunu 'bundles' tista' ticcekkja u tahdem izda meta jkunu miftuhin ma tistax tkun taf kemm ghandek fuq it-'truck' ghaliex trid tghoddhom wiehed wiehed u anki meta jkunu 'bundles' trid tiftahhom ukoll ghax ikun jizen xi tunellata u ma jistax ikun terfghu.Anke dik in-nhar li qallu li ser jaghtih in-'notice' ghax hu ma kienx skrivan izda 'labourer' hu xogholu kien ghamlu kollu. Il-Principal qatt ma tah xi twissija, inqas bil-kliem u xogholu dejjem ghamlu tajjeb. Fuq mistoqsija, fil-kontro-ezami, jekk il-Principal qallux biex joqghod jiccekkja ix-xoghol, wara li gie mistoqsi mit-Tribunal ukoll biex iwiegeb iva jew le, l-appellant qal "Iva, lili qalli iccekkja li dan ix-xoghol jitghabba sewwa u jinhatt sewwa", u fuq mistoqsijiet ohra wiegeb li l-klijent koncernat (Pantalesco) kellu 'storekeeper' biex jiccekkja, u li kien tahom in-nies biex jghinuhom.

Fuq kontro-ezami qal li waqt li kien jaf li biex jahdem ix-xatt, kellu bzonn xi licenza li kien japplika ghaliha l-imghallem, hu ma kienx jaf li ghal din il-licenza kien hemm xi kondizzjonijiet. Ried jghid li hu kellu id-dmir li jiccekkja x-xoghol li kien ikollu

fuq it-truck ghax l-imghallem ma kienx ikun fuq it-truck u hu ghalhekk kellu d-dmir li jiccekkja ghaliex kieku kien imur ghand il-klijenti binnieqes kien ikollu jirrispondi ghalih hu. Anki meta kien ikun hemm xi nies biex jilqghu x-xoghol hu kien jiccekkja wkoll - gie li ghen biex jinhatt ix-xoghol. Qied jghid li hu kien ilu bla xoghol xi tletin gimgha.

<u>Mario Barbara</u> - ftakar l-appellant kien talab il-leave u l-Principal wiegbu "ara naghtihulekx ghal dejjem" dan kien xi hmistax qabel ma tkecca, u fuq kontroezami x'gara qabel dan l-incident, ix-xhud wiegeb "Fuq ix-xoghol nahseb jiena, ghaliex kif nghiduha, meta nigu biex nghabbu x-xoghol, forsi dak li jkun iwarrab daqsxejn.... jigifieri jgibu qed jiskarta". Qied jghid li kien id-driver li kien il-kap tal-'guy' u li d-driver kien obbligat li kellu jiehu hsieb it-truck u jaralu certi affarijiet biex jizgura li jaralu li kien kollox f'postu u hu stess gi li dan ix-xoghol ghamlu.

<u>Carmelo Camilleri</u> - qal li ftakar li meta l-appellant talab il-'leave' l-Principal wiegbu "Tghidli qalbi se naghtihulek ghal kollox" u wara dan l-incident l-Principal tah lista lill-appellant u qallu "Ara ma nergghux niehdu .... qis li tghabbu kollox sewwa biex ma nergghux niehdu zball bhal ma hadna ghaliex kienu garrew xi kanen ghall-lukandi u hadu zball ghax ta' lukanda kienu tefuhom f'wahda u ta' lukanda ohra tefuhom f'ohra. Wara marru u l-appellant qaghad inizzel fuq il-karta x'inhu niezel. Ftakar li l-Principal kien qallu lill-appellant "inti din il-gimgha l-ahhar". Fuq kontro-ezami ix-xhud qal li dak in-nhar li beda jiccekkja l-appellant kien hemm in-nies tal-post jiccekkjaw u li c-

"checking" ma kienx soltu jsir, li dik in-nhar ix-xoghol ta' Pantalleresco biss kien hemm u l-'load' ta' dak il-hin kien kollu ghal post wiehed biss.

Joseph Borg qal li hu kellu £200 'deposit' fuq id-dhul fix-xatt biex jekk jinqala xi haga hazina jew minn naha tieghu jew ta' l-impjegati tieghu, dan id-deposit jitilfu. L-impjegati kienu jafu b'dan. Ftakar li l-appellant xi zmien kien fuq "probation". Qal li hu kien kuntent bl-appellant ghall-ewwel tlett xhur izda wara beda jitlaq ilsienu u certi sinjuri kienu jibghatu ghalih biex isikkitlu nagra lsienu ghax dan kien jidghi wisq u fuq dan kien wissieh lill-appellant u ma kienx f'posizzjoni li jogghod jaghmel dan bil-kitba. Barra dan l-appellant kellu nuqqasijiet ohra - ma kienx dejjem jghin lil siehbu biex jghabbi u shabu kienu jgergru u jghidu 'mela dan lahaq mghallem?' Fuq l-incident tad-Ditta Pantalesco, qal li kellhom xoghol ghal tlett postijiet, Selmun Palace Hotel, The Halland u l-Marsascala Hotel. Dan ix-xoghol kien f''bundles' ta' pajpijiet. Mix-xatt tghabbew fuq it-truckijiet u gara li gew konsenjati fid-destinazzjonijiet hziena. Ma Pantalesco irrangaw li dawk il-mibdulin jinbidlu u kien ta' lix-xhud karti x'ghandu jinbidel u kien ghalhekk li bghat lill-appellant u l-Carmel Camilleri id-driver ghal dan ix-xoghol. Ta' Pantalesco kienu ga nfurmawh x'kellu jinbidel u li kien iccekkja kollox u ghalhekk kienet semplicement bdil u ghalhekk ma kienx qal lill-appellant jiccekkja ghaliex ma kienx hemm xejn nieqes izda bdil biss u kien ghalhekk li ma setghax jifhem l-appellant x'qaghad jiccekkja. Mit-tined, ix-xoghol jiccekkja ruhu mal-fizzjal tad-Dwana issa fuq ta' Pantalesco kien gara li kien bghat ghalih il-kbir ta' Pantalesco u qallu dawn il-kliem "Min fuq li tajnik in-nies biex jghinukom, wiehed tela' jistiva l-pajpijiet u l-iehor inqas indenja ruhu jerfa' pipe, qaghad il-hin kollu

jiccekkja huma u nerging" u n-nies ta' Pantalesco kienu lesti li jekk imur l-appellant b'xi xoghol iehor ma jghinhuhx. Zied jghid li kien veru li ftit qabel l-incident ta' Pantalesco kien qal lill-appellant meta talbu il-leave. "Ara naghtik il-leave ghal dejjem". Dan pero' imhabba l-ingieba ta' l-appellant ghaliex kien dejjem jigi nofs siegha tard ghax-xoghol u ta' dan kien iwiddbu spiss - lill-appellant kien qabbdu jahdem bhala 'driver-labourer' u kien qallu x'xoghol kellu jkollu u wara l-incident ta' Pantalesco kien qal lill-appellant li xogholu ma kienx ta' 'checker' u hu kien iwiddbu kemm il-darba bil-fomm fuq nuqqas u kien qallu biex joqghod attent ghax kellu hafna tgergir fuqu izda qatt ma qallu li sar ikeccieh jekk jibqa' sejjer hekk, zied jghid li l-ispejjes zejda ta' meta sar l-izball ta' Pantalesco ghadu ma thallas taghhom.

<u>Joseph Sciclun</u>a - site engineer ma Pantalesco qal li meta jaslu fuq is-"site" xi "stores" ikun hemm in-nies tad-Ditta biex jiccekkjaw il-materjal u hu kellu mieghu 'storekeeper'. Qal ukoll li ghal garr ta' xoghol minn barra kienu kuntrattatima Lyzer Transport u ftakar f'incident ta' meta kellhom jingabu xi pajpijiet ghax kien hemm zball fil-konsenji u gew bix-xoghol tnejn minn nies li wiehed kien l-appellant, hu kellu n-nies tieghu biex jghinu lil tal-kuntrattur fil-waqt li tal-kuntrattur ma bdewx igorru ghax qaghadu jghoddu u ghalhekk in-nies ta' Pantalesco hassewa bi kbira li kellhom igorru huma u hu ix-xhud kellu ta' bil-fors jirraporta lis-superjuri tieghu ghax wiehed kien qiegned jghodd biss.

Sottomissjonijiet finali. Ghall-appellant gie sottomess li l-appellant kien skond il-'work book' impjegat bhala driver u mhux driver-labourer, li minn imkien ma gie ppruvat li l-appellant:

a) ma obdiex l-ordnijiet tal-Principal;

b) naqas li jaghmel xogholu b'detriment ghal Kumpanija;

c) jiskarta x-xoghol u jitlaq mix-xoghol qabel il-hin;

Gie enfasizzat li l-appellant qatt ma kellu twissijiet u twiddibiet serji kif kellhom isiru qabel tkeccija, u ghalhekk sostniet li din it-tkeccija kienet ingusta u mhux ghal ragunijiet validi u gie mitlub li jinghata certifikat ta' tenm ta' mpieg nadif, li l-appellant jithallas ghal perijodu li hu ghamel bla xoghol u danni ohra.

Ghall-Kumpanija gie sottomess li l-appellant kien 'driver labourer' kif fil-fatt hareg mix-xhieda. Ğie sostnut li meta haddiem ma jgibx ruhu sewwa mall-klijenti tal-Principal dan hu nuqqas serju ghax il-Principal jitlef ix-xoghol u fil-kaz ta' l-appellant l-agir tieghu kien hazin u ghad-detriment tal-Principal. L-appellant, gie sostnut, kellu hafna twissijiet anki meta l-Principal kien qallu 'ara nagatikx il-leave ghal kollox' din kienet ukoll forma ta' twissija u dawn il-kliem kienu nghadu quddiem in-nies. L-appellant kien responsabbli ta' zball li kellu jigi korrett u biex sar dan, saru spejjez li l-Principal ghadu jithabat biex jithallas. Fuq kollox gie sostnut li mix-xhieda li tella' l-appellant stess hargu dawn il-fatti:

a) li kien jigi tard ghax-xoghol;

b) ghamel zball fil-garr tal-merkanzija;

c) kien joqghod jiccekkja x-xoghol, haga li ma kienetx xogholu;

d) ma tax sehmu fil-garr tal-merkanzija haga li kien impjegat ghalih

u li kienu dawn l-affarijiet kollha f'daqqa li l-impieg ta' l-appellant gie terminat.

Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal. It-Tribunal jiehu dejjem in konsiderazzjoni dak li jirrizulta mill-provi u dak li jisma fuq il-meritu tal-kaz. Mill-kumpless tax-xhieda jidher li l-appellant kellu nuqqasijiet bhal dawk li kien jidhol xi nofs siegha tard ghax-xoghol, li ma kienx ihobb imidd idejh fit-tghabija u l-hatt tal-merkanzija. Izda t-Tribunal irid jara dejjem jekk kien hemmx xi nankanza serja li tiggustifika l-piena serja tat-tkeccija jew jekk il-mankanzi kollha f'daqqa hux talment serji li jistabilixxu raguni valida biex jigi terminat l-impieg tal-haddiem koncernat. Barra minn hekk, kif intqal dejjem minn dan it-Tribunal, il-kastig estrem ta' tkeccija mill-post tax-xoghol hija haga li bl-ebda mod ma ghandha tinghata jekk mhux fuq haga gravi hafna u fil-ghadd kbir tal-kazi ghandha tinghata wara twissija serja jew izjed minn wahda bil-miktub, skond ic-cirkostanzi tal-kaz, u jekk bil-fomm quddiem xhud. F'kazi eccezzjonali ta' gravita' serja tista' ssir hesrem wara li l-involut ikun inghata l-opportunita' jiggustifika ruhu. F'dan il-kaz waqt li t-Tribunal jirrizultalu li l-appellant kellu nuqqasijiet li kieku gie mwissi fuqhom kif xieraq bil-fomm u ahjar bil-miktub, u dan ma semax izda ppersista, kienu jiggustifikaw tkeccija ghax certi nuqqasijiet kienu qeghdin jaghmlu hsara lill-principal. It-Tribunal

/9. .....

mhux sodisfatt li xi twissija saret kif kellha tkun u ghal din ir-raguni biss it-Tribunal ma jistax isib favur id-Ditta.

Award - L-appellant ma talabx li jerga' jigi mpjegat mad-Ditta Lyzer Transport izda talab kumpens ta' kemm dam barra ma jahdimx u danni ohra. It-Tribunal fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, kollu ta' bil-fors izomm f'rasu li l-appellant ma kienx bla htija u li d-Ditta setghet uzat mizuri ohra u mhux tkeccija. Ghaldaqstant jordna li Lyzer Transport thallas lill-appellant bhala kumpens mhux izjed tard mill-15 ta' Frar, is-somma ta' £75 (hamsa u sebghin lira) u b'hekk tigi mitmuma din il-kwistjoni tax-xoghol.

G.A. CRAIG
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

4 ta' Frar 1981

em